# FIL-ĠONNA BOTANIĊI, MELBOURNE

Li mal-wasla tiegħi f'Victoria żort
ma' ħabibi Manwel Cassar u martu Ġuża.

*Ta'* VINCENT CARUANA

Il-mogħdijiet jistiednu biex 'il ġewwa
F'mixjitek tkompli bla ma tqis li lura
Trid terġa' tieħu l-mixja, għax il-ħlewwa
Tal-ġnien tkun trid sa fl-inqas rokna żżurha.

F'dal-ġnien il-qalb muġugħa tħoss iddewwa
Għax tinsa kemm f'did-dinja sfat maħqura,
U nħares, f'qalbi għidt: "Kemm ikun sewwa
Li ngħix f'dal-ġnien f'għarix qalb din il-ħdura".

Stħajjiltu l-ġnien fejn l-ewwel missier tagħna
U l-ewwel ommna għexu t-tnejn ferħana
Sakemm tad-dnub id-dinja sfat ilsira.

Hekk f'qalbi fraħt li meta b'kastig Alla
Il-ferħ ta' l-Eden neħħa, Huwa ħalla
Il-ġmiel tal-fjur u s-siġar bħal b'tifkira.

Sydney, Awstralja, 3. 5. 56.